14 ta' Novembru, 1949

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Karmnu Scicluna et.

**Storbju — Art. 352 (bb) Kap. 12.**

*Jikkostitwixxi disturb ta' l-ordni publiku dak l-att li jneħħi jew inaqqas l-opinjoni tas-sikurezza publika jew tas-sikurezza individwali, indipendentement mill-perpetrazzjoni ta' reati oħra.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fit-23 ta' Settembru 1949, li biha Karmnu Scicluna ġie misjub ħati ta'distorbju u ta' offiżi volontarji ta' natura ħafifa u ta' ftit importanza fuq il-persuna ta' Annetta Bonett, u kundannat għall-ammenda ta' £1 u għall-multa ta' £2 rispettivament, Pawla Scicluna ġiet misjuba ħatja ta' distorbju u kundannata għall-piena ta' l-ammenda ta' £1, u Nikola Scicluna ġie misjub ħati ta' distorbju u kundannat għall-piena ta' l-ammonizzjoni u riprensjoni;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmijin Scicluna, fejn talbu r-revoka ta' dik is-sentenza u l-ħelsien tagħhom minn kull imputazzjoni u piena;

*Omissis:*

**Ikkunsidrat;**

Kwantu għall-imputazzjoni ta' distorbju kontra t-tliet appellanti, taħt l-art. 352 (bb) Kap .12, għandu jiġi osservat li l-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu, kif drabi oħra rritjena l-Imħallef sedenti, għandha tkun dik awtorevolment mogħtija mill-President Sir Adrian Dingli, allura sedenti f'din il-Qorti fil-kawża "Ispettore Raffaele Calleja vs. Paolo Bugeja et.", 10 ta' Ġunju 1890, fejn qal:— "Il buon ordine e la tranquillità pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorità pubblica, sia degli individui stessi fra di loro; e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, è violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato. Le leggi criminali ne trattano in varie parti, e specialmente negli articoli 38 al 75, pei casi più gravi, e nell'articolo 307 pei casi lievi; e la disposizione generale contenuta nell'inciso 32 di quest'ultimo articolo comprende tutti

i reati e tutti gli atti violenti commessi sotto circostanze atte nel tempo stesso a provocare direttamente od indirettamente ad altri reati contro le persone". Ma hemmx bżonn jingħad li l-art. 307 inċiż 32, imsemmi fis-sentenza ċitata, jikkorrispondi għall-art. 352 (bb) fin-numerazzjoni ġdida ta' l-Edizzjoni Riveduta;

Issa f'dan il-każ jirriżulta li Annetta Bonett, adontata għaliex l-appellant Karmnu Scicluna għamel xi osservazzjoni lit-tifla tagħha għax din farfret xi tapiti, marret id-dar tiegħu, sabet lil martu, l-appellanti Pawla, fil-bieb, talbitha sodisfazzjon, din sejħet lill-żewġha u, meta dan ħareġ, Annetta Bonett, li hi *mara*, kif deher meta xehdet, nerboruta u ta' saħħa, qabdet lill-appellant Karmnu Scicluna u, kif qalu x-xhieda, daħlet bih b'kollox ġewwa. Imbagħad saret ġlieda ġo l-entrata tad-dar ta' Scicluna, fejn ġie maqlub injam ta' l-irkabtu ta' l-appellant, li hu mastrudaxxa, u nqalbet ukoll gastra. L-appellanti Pawla Scicluna ppruvat, milli setgħet, taqbeż għal żewġha, l-appellant Karmnu Scicluna, u l-istess għamel ibnu, l-appellant Nikola Scicluna. Annetta Bonett, evidentement, kienet biżżejjed weħedha; tant hu veru li l-istess Maġistrat, fis-sentenza appellata, sab lil din Annetta Bonett ħatja ta' distorbju, ħatja talli sawtet lil Karmnu Scicluna, ħatja talli għamlet feriti ta' ftit importanza fuq Pawla Scicluna, ħatja talli daħlet fid-dar ta' Karmnu Scicluna bla kunsens tiegħu, u infine ħatja talli għamlet ħsara fil-mobbli. Però, avvolja hi kienet biżżejjed weħedha, kien hemm ukoll jgħinuha oħrajn tal-familja tagħha............;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi ma kienx hemm lok għall-kundanna ta' l-appellanti għal distorbju. Aggrediti f'darhom b'dak il-mod, anki jekk għajtu xi ftit, dan ma jammontax għar-reat kif spjegat fis-sentenza ċitata; għaliex huma ma kienux qegħdin jagħmlu attijiet vjolenti, imma kienu jiddefendu ruħhom f'darhom mill-aħjar li setgħu;

*Omissis;*

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, u tillibera lill-imputati minn kull imputazzjoni u piena.

---